L-esponenti hija kumpanija inkorporata taħt il-Liġijiet ta' Malta nhar il-ħamsa u għoxrin (25) ta' Ottubru tas-sena elf disa' mija tmienja u sebgħin (1978), b'reġistrazzjoni numru C 4224, u bl-uffiċċju reġistrat illi jinsab Third Floor, Airways House, High Street, Tas-Sliema, Malta.

Permezz ta' kuntratt datat it-tletin (30) ta' Ottubru tas-sena elf disa' mija tmienja u sebgħin (1978), fl-atti tan-Nutar Dr Paul Pellegrini Petit, l-esponenti akkwistat mingħand Laurence Cuschieri u Emanuel Ebejer:

"a plot of land known as "il-Ħabel tal-Qawra" in the district of Qawra limits of St Paul's Bay, measuring approximately three tumoli, two mondelli and six misure equivalent to three thousand eight hundred and forty point six four five square meters (3840.645m2) and is bordered in the north by an alley known as Sqaq il-Ħotba on the west by property of Zammit Tabona family and on the south in part by another alley known as Sqaq tas-Sellum an in part by property of the Augustinian Friars of Valletta or successors in title as subject to the yearly perpetual ground rent of one thousand two hundred and eighty four pounds, payable six monthly in arrears on the twelve of February and twelve of August of each year to the brothers Calleja".

Is-sinjuri Laurence Cuschieri u Emanuel Ebejer akkwistaw b'titolu ta' ċens perpetwu l-proprjetà mingħand Bartolomeo Calleja, Carmelo Calleja u Giuseppe Calleja permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dott. John Micallef Trigona datat it-tieni (2) ta' Marzu tas-sena elf disa' mija u sebgħin (1970).

Kopji legali ta' dawn iż-żewġ kuntratti qed jiġu hawn annessi u mmarkati bħala 'Dok A' u 'Dok B' rispettivament.

Fil-kuntratt tal-1970, l-art ta' "il-Ħabel tal-Qawra" ġiet ukoll suġġetta għall-ħlas ta' laudemium:

"of one pound ten shillings (£1.10) per square cane shall become due and payable to the grantors or their successors in title in all future transfers of the land abovementioned or part thereof".

Dan l-ammont jekwivali għal elf mitejn u erbgħa u tmenin sterlina (£1,284), ekwivalenti għal elfejn disa' mija u disgħin ewro u tnejn u disghin centesmu (€2,990.92), u ċioè ekwivalenti għal ċens ta' sena.

Ai termini tal-art. 1501(7)(d) tal-Kap. 16, pjanta tal-proprjetà in kwistjoni mmarkata bil-kulur aħmar qed tiġi wkoll annessa u mmarkata bħala 'Dok C'.

L-esponenti taf li l-intimati Calleja huma neqsin u, filwaqt li rnexxielha tintraċċja u tidentifika wħud mill-familjari

The applicant is a company incorporated under the Laws of Malta on the twenty-fifth (25th) of October of the year one thousand nine hundred and seventy-eight (1978), holding registration number C 4224, and with the registered office situated at Third Floor, Airways House, High Street, Sliema, Malta.

By means of a contract dated the thirtieth (30th) of October of the year one thousand nine hundred and seventy eight (1978), in the records of Notary Dr Paul Pellegrini Petit, the applicant acquired from Laurence Cuschieri and Emanuel Ebejer:

"a plot of land known as "il-Ħabel tal-Qawra" in the district of Qawra limits of St Paul's Bay, measuring approximately three tumoli, two mondelli and six misure equivalent to three thousand eight hundred and forty point six four five square meters (3840.645m2) and is bordered in the North by an alley known as Sqaq il-Ħotba on the West by property of Zammit Tabona family and on the South in part by another alley known as Sqaq tas-Sellum an in part by property of the Augustinian Friars of Valletta or successors in title as subject to the yearly perpetual ground rent of one thousand two hundred and eighty four pounds, payable six monthly in arrears on the twelve of February and twelve of August of each year to the brothers Calleja".

Laurence Cuschieri and Emanuel Ebejer acquired by title of perpetual emphyteusis, the property from Bartolomeo Calleja, Carmelo Calleja and Giuseppe Calleja by means of a contract in the records of Notary Dr. John Micallef Trigona dated the second (2nd) of March of the year one thousand nine hundred and seventy (1970).

Legal copies of these two contracts are here attached and marked as "Doc A" and "Doc B" respectively.

In the contract of 1970, the land of "il-Ħabel tal-Qawra" was also subject to the payment of a laudemium:

"of one pound ten shillings (£1.10) per square cane shall become due and payable to the grantors or their successors in title in all future transfers of the land abovementioned or part thereof".

This amount is equivalent to one thousand two hundred and eighty four sterling (£1,284), equivalent to two thousand nine hundred and ninety Euros and ninty two cents (€2,990.92), and that is equivalent to one year's groundrent.

In terms of Art. 1501 (7) (d) of Cap. 16, a plan of the property in question marked with the colour red is also being attached and marked as "Doc C".

The applicant knows that the respondents Calleja are missing and, whilst she managed to trace and identify

tagħhom, ma rnexxilhiex tistabbilixxi b'mod konklussiv min huma l-eredi. Għaldaqstant, ma tafx lil min irid jitħallas iċ-ċens fir-rigward tal-eredi tal-intimati l-aħwa Calleja.

Fid-dawl ta' dan u sabiex jiġu ssalvagwardjati d-drittijiet ta' kull min jista' jkun interessat, ser ikunu qegħdin isiru n-notifiki dovuti lil dawk il-familjari magħrufa. Madankollu peress li l-eredi tal-intimati mhumiex konklussivament magħrufa u kkonfermati u wkoll għaliex mhux magħruf jekk il-familjari li qed jiġu notifikati humiex effettivament ser jersqu biex jaċċettaw il-bandu f'isem kulħadd, kontestwalment ma' din iċ-ċedola, qed jiġu ppreżentati r-rikorsi appożiti sabiex jinħatru l-kuraturi skont il-liġi għal kull wieħed mill-aħwa Calleja.

Għaldaqstant, permezz ta' din iċ-ċedola ta' depożitu l-esponenti tixtieq, fl-ewwel lok u sabiex teżimi ruħha minn kull responsabbiltà, tiddepożita s-somma ta' erbatax-il elf disa' mija erbgħa u ħamsin ewro u sittin ċenteżmu (€14,945.60) rappreżentanti ċ-ċens għall-aħħar ħames snin.

Fit-tieni lok, l-esponenti tixtieq tipprevalixxi ruħha mill-fakultà mogħtija lilha fl-artikolu 1501 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta u tifdi ċ-ċens fl-ammont ta' elf mitejn u erbgħa u tmenin sterlina (£1,284), ekwivalenti għal elfejn disa' mija u disgħin ewro u tnejn u disgħin ċenteżmu (€2,990.92) li huwa dovut lill-eredi hawn fuq imsemmija. Iċ-ċens fuq din il-proprjetà għandu jiġi mifdi billi s-somma dovuta bħala ċens fis-sena tiġi kapitalizzata bir-rata ta' ħamsa fil-mija. B'hekk l-ammont ta' elfejn disa' mija u disgħin Ewro u tnejn u disgħin ċenteżmu (€2,990.92) dovut bħala ċens fis-sena lill-intimat, kapitalizzat bir-rata ta' ħamsa fil-mija jammonta għal total ta' disgħa u ħamsin elf, tmien mija u tmintax-il Ewro u erbgħin ċenteżmu (€59,818.40).

Finalment, l-esponenti tixtieq ukoll tiddepożita l-laudemium u dan fl-ammont ta' elf mitejn u erbgħa u tmenin sterlina (£1,284), ekwivalenti għal elfejn disa' mija u disgħin ewro u tnejn u disgħin ċenteżmu (€2,990.92), u ċioè ekwivalenti għal ċens ta' sena.

Għaldaqstant l-esponenti qiegħda umilment tadixxi lil din l-Onorabbli Qorti u taħt l-awtorità tagħha tgħaddi sabiex tiddepożita s-somma ta' sebgħa u sebgħin elf seba' mija tlieta u sittin ewro u tnejn u disgħin ċenteżmu (€77,763.92), liema somma tirrapreżenta t-total ta' (i) l-arretrati taċ-ċens tal-aħħar ħames snin, (ii) il-fidi ta' dan iċ-ċens annwu u perpetwu, u kif ukoll (iii) l-laudemium ekwivalenti għal ċens ta' sena, u dan sabiex din is-somma tiġi żbankata minn min għandu dritt għaliha skont il-liġi wara li titħalla d-debita riċevuta skond il-liġi.

Notifiki:

some of their relatives, she did not manage to conclusively establish who the heirs are. Thus, it is unkown to whom the groundrent is to be paid as regards the heirs of the respondents the Calleja siblings.

In light of this and in order to safeguard the rights of anyone who may be interested, the notifications due to those known relatives will be made. However since the heirs of the respondents are not conclusively known and confirmed, and also because it is not known whether the relatives who are being notified are actually going to come forward to accept the bann in the name of everyone, together with this schedule of deposit, the appropriate applications are being presented for the appointment of the curators according to law for each of the Calleja siblings.

Therefore, by means of this schedule of deposit the applicant wishes, in the first place and in order to exempt herself from any responsibility, to deposit the sum of fourteen thousand nine hundred fifty four Euro and sixty cents (€14,945.60) representing the groundrent for the last five years.

In the second place, the applicant wishes to avail herself of the faculty given to her in Article 1501 of Cap. 16 of the Laws of Malta and redeem the groundrent in the amount of one thousand two hundred and eighty four sterling (£1,284), equivalent to two thousand nine hundred ninety Euro and ninety two cents (€2,990.92) which is due to the heirs above mentioned. The ground rent on this property is to be redeemed by capitalising the sum due as ground rent per annum at the rate of five per cent. Thus, the amount of two thousand nine hundred ninety Euro and ninety two cents (€2,990.92) due as groundrent per year to the respondent capitalised at the rate of five per cent, amounts to a total of fifty nine thousand eight hundred eighteen Euro and forty cents (€59,818.40).

Finally, the applicant also wishes to deposit the laudemium and this in the amount of one thousand two hundred and eighty four sterling (£1,284), equivalent to two thousand nine hundred and ninety Euro and ninety two cents (€2,990.92), and namely equivalent to one year groundrent.

Therefore, the applicant is humbly calling upon this Honourable Court and under its authority is depositing the sum of seventy seven thousand seven hundred sixty three euro and ninety two cents (€77,763.92), which sum represents the sum of (i) the arrears of the groundrent of the last five years, (ii) the redemption of this annual and perpetual groundrent, as well as (iii) the laudemium equivalent to one year's groundrent, so that this sum will be withdrawn by whoever has the right to it according to law after leaving the due receipt according to law.

Notification:

1) Żewġ kopji lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku (skont l-art. 1501(7)(f) tal-Kap.16 tal-Liġijiet ta' Malta;

2) Kuraturi Deputati li jiġu appuntati biex jirrappreżentaw l-interessi ta' Bartolomeo Calleja;

3) Kuraturi Deputati li jiġu appuntati biex jirrappreżentaw l-interessi ta' Carmelo Calleja;

4) Kuraturi Deputati li jiġu appuntati biex jirrappreżentaw l-interessi ta' Giuseppe Calleja;

5) Angelo Calleja (0157054M): 53, Jomar, Triq Franza, in-Naxxar NXR3231, Malta;

6) Anthony (Twanny) Calleja (0092467M): 13, Calvel House, Fl 5, Triq il-Porzjunkola, Qawra SPB1257, Malta;

7) Emanuel Calleja (1038548M): 8, Le Anne, Mons. Pietru Pawl Saydon, l-Iklin, Malta;

8) George Calleja (0249749M): 31 Calleja House, Triq Ħal-Sajd, Ħaż-Żebbuġ, ZBG3045, Malta;

9) Joseph Calleja (0442156M): 16, Triq Sant' Aristarku, San Pawl il-Baħar, Malta;

10) Mary Calleja (0239059M): 21, Casa Nostra, Triq Patri Marjanu Vella, l-Iklin BZN11, Malta;

11) Mary Rose Briffa (0709657M): 27, Shangri-La, Triq James Smith, San Pawl il-Baħar SPB1106, Malta;

12) Mary Vella (0637059M): Florina, Triq il-Bidnija, Bidnija, limiti ta' San Pawl il-Baħar, Malta;

13) Raymond Calleja (0037965M): 19, Padre Pio, Fl 3, Triq il-Porzjunkula, Qawra, San Pawl il-Baħar SPB1257, Malta; u

14) Savior Calleja (0185555M): 20, Casa Del Sole, Triq il-Papa Pawlu V, San Pawl il-Baħar, SPB1110, Malta.

Int għaldaqstant ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti Superjuri u sejjaħ b'dan lil kull min irid jidħol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt ijiem f'dan ir-Reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Int ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħżel Kuraturi tal-Uffiċċju.

U wara li tkun għamilt dana, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-eżekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

Mogħti fil-Qorti Superjuri hawn fuq imsemmija bix-xhieda ta' Onor Imħallef Miriam Hayman LLD, Duttur tal-Liġi.

Illum, 4 ta' Marzu, 2026

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum, 17 ta' April, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Registratur, Qrati Civili u Tribunali

1) Two copies to the Director of the Public Registry (as per Art. 1501(7)(f) of Cap.16 of the Laws of Malta;

2) Deputy Curators appointed to represent the interests of Bartolomeo Calleja;

3) Deputy Curators appointed to represent the interests of Carmelo Calleja;

4) Deputy Curators appointed to represent the interests of Giuseppe Calleja;

5) Angelo Calleja (0157054M): 53, Jomar, Triq Franza, Naxxar NXR3231, Malta;

6) Anthony (Twanny) Calleja (0092467M): 13, Calvel House, Fl 5, Triq il-Porzjunkola, Qawra SPB1257, Malta;

7) Emanuel Calleja (1038548M): 8, Le Anne, Mons. Pietru Pawl Saydon, Iklin, Malta;

8) George Calleja (0249749M): 31 Calleja House, Triq Ħal-Sajd, Ħaż-Żebbuġ, ZBG3045, Malta;

9) Joseph Calleja (0442156M): 16, Triq Sant' Aristarku, San Pawl il-Baħar, Malta;

10) Mary Calleja (0239059M): 21, Casa Nostra, Triq Patri Marjanu Vella, l-Iklin BZN11, Malta;

11) Mary Rose Briffa (0709657M): 27, Shangri-La, Triq James Smith, San Pawl il-Baħar SPB1106, Malta;

12) Mary Vella (0637059M): Florina, Triq il-Bidnija, Bidnija, limits of San Pawl il-Baħar, Malta;

13) Raymond Calleja (0037965M): 19, Padre Pio, Fl 3, Triq il-Porzjunkula, Qawra, San Pawl il-Baħar SPB1257, Malta; u

14) Savior Calleja (0185555M): 20, Casa Del Sole, Triq il-Papa Pawlu V, San Pawl il-Baħar, SPB1110, Malta.

You are therefore ordered to affix an official copy of these banns at the entrance of this Superior Court and to summon whosoever wishes to act as curator to appear before this Registry within six days and by means of a minute to submit a declaration that he wishes so to act.

You are also ordered to inform each one that if he fails to make this declaration within the stipulated time, this Court will proceed to the selection of curators of Office.

And after so acting, or if you encounter any difficulty in the execution of these banns, you are to inform forthwith this Court.

Given by the above mentioned Superior Court with the witness of Hon. Madam Justice Miriam Hayman LLD, Doctor of Laws.

This 4th of March, 2026.

Registry of the Superior Courts, today, 17th April, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1073

B'dan l-avviż ikun magħruf illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja, fl-24 ta' Marzu, 2026, Rikors numru 278/2026, minn Josephine Bartolo, fejn talbet li tiġi ddikjarata miftuħa favur Maria Vella, Rita Vella, Chris sive Kristinu Vella, Katie Muscat, Josephine Bartolo, Victoria sive Vicky Muscat, Carmen Psaila, Doris Vella u Esther Vella, ħut id-decujus fi kwota ta' decima (1/10) parti indiviża kull wieħed u waħda minnhom u favur Julie Anne Vella u Brandon Charles Vella ulied il-mejjet Francis Vella dan tal-aħħar hu d-decujus fi kwota ta' decima (1/10) parti indiviża bejniethom is-suċċessjoni ta' Anthony Vella, ġuvni, bin il-mejtin Carmel Vella u Lonza Vella née Camilleri, imwieled il-Mellieħa, Malta, kien residenti l-Mellieħa, Malta u miet l-Imsida, Luqa fil-21 ta' Novembru, 2025 ta' 78 sena u li kellu karta tal-identità numru 373047(M).

Għaldaqstant, kull min jidhirlu li għandu interess huwa msejjaħ biex jidher quddiem il-Qorti fuq imsemmija sabiex b'nota jmur kontra dik it-talba fi żmien ħmistax-il ġurnata li jibda jgħaddi minn dak il-jum li fih jiġi mwaħħal il-bandu u l-avviżi skont il-liġi.

Reġistru tal-Qorti Ċivili, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja

Illum, 17 ta' April, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of an application filed in the Civil Court of Voluntary Jurisdiction Section, on the 24th March, 2026, Application number 278/2026, by Josephine Bartolo whereby she requested that it be declared open in favour of Maria Vella, Rita Vella, Chris sive Kristinu Vella, Katie Muscat, Josephine Bartolo, Victoria sive Vicky Muscat, Carmen Psaila, Doris Vella and Esther brothers and sisters of the decujus in the quota of one tenth (1/10) undivided share each one of them and in favour of Julie Anne Vella and Brandon Charles Vella children of the late Francis Vella the latter brother of the decujus in the quota of one tenth (1/10) undivided share between them the succession of Anthony Vella, bachelor, son of the late Carmel Vella and Lonza Vella nee Camilleri, born in Mellieħa, Malta, resided in Mellieħa, Malta and died in Luqa, Malta on the 21st November, 2025 aged 78 and who held identity card number 373047(M).

Wherefore, any person who believes to have an interest in the matter is hereby called upon to appear before the said Court and to bring forward his objections hereto by a minute to be filed within fifteen days from the posting of the banns and notices according to law.

Registry of the Civil Court, Voluntary Jurisdiction Section

Today, 17th April, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Court and Tribunals

1074

B'dan l-avviż ikun magħruf illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja, fl-4 ta' Frar, 2026, Rikors numru 93/2026, minn Costantino Spiteri et, fejn talbu li tiġi ddikjarata miftuħa favur Costantino Spiteri, Monica Manduca u Maria Borg ulied id-decujus fi kwoti ndaqs bejniethom is-suċċessjoni ta' Julie Paulette Spiteri, armla ta' Giuseppe Spiteri, bint il-mejtin Publio Cuschieri u Palmira née Piastrelli, imwielda Djebel-Trozza, Tunisia, kienet residenti Ħal Balzan, Malta u mietet l-Imsida, Malta fl-20 ta' Ġunju, 2025 ta' 98 sena u li kellha karta tal-identità numru 0463891(M).

Għaldaqstant, kull min jidhirlu li għandu interess huwa msejjaħ biex jidher quddiem il-Qorti fuq imsemmija sabiex b'nota jmur kontra dik it-talba fi żmien ħmistax-il ġurnata li jibda jgħaddi minn dak il-jum li fih jiġi mwaħħal il-bandu u l-avviżi skont il-liġi.

Reġistru tal-Qorti Ċivili, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja

By means of an application filed in the Civil Court of Voluntary Jurisdiction Section, on the 4th February, 2026, Application number 93/2026, by Costantino Spiteri et whereby they requested that it be declared open in favour of Costantino Spiteri, Monica Manduca and Maria Borg children of the decujus in equal shares between them the succession of Julie Paulette Spiteri, widow of Giuseppe Spiteri, daughter of the late Publio Cuschieri and Palmira née Piastrelli, born in Djebel-Trozza, Tunisia resided in Balzan, Malta and died in Msida, Malta on the 20th June, 2025 aged 98 and who held identity card number 0463891(M).

Wherefore, any person who believes to have an interest in the matter is hereby called upon to appear before the said Court and to bring forward his objections hereto by a minute to be filed within fifteen days from the posting of the banns and notices according to law.

Registry of the Civil Court, Voluntary Jurisdiction Section

Illum, 17 ta' April, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Today, 17th April, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Court and Tribunals

1075

B'dan l-avviż ikun magħruf illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja, fit-30 ta' Marzu, 2026, Rikors numru 312/2026, minn Mary Coleiro née Camilleri et, fejn talbu li tiġi ddikjarata miftuħa favur Mary Coleiro, mart id-decujus fi kwota ta' nofs (1/2) indiviż u r-rimanenti nofs (½) indiviz favur Josette Belli, Doreen Coleiro, Joseph Coleiro, Joanne Coleiro, Ronnie Coleiro u Andrew Farrugia Coleiro ulied id-decujus fi kwoti ndaqs bejniethom is-suċċessjoni ta' Carmelo Colejro, żewġ Mary Coleiro née Camilleri, bin il-mejtin Joseph Colejro u Carmela Colejro née Faenza, imwieled Ħal Luqa, Malta, kien residenti Ħal Luqa, Malta u miet l-Imsida, Malta fid-19 ta' Diċembru, 2025 ta' 76 sena u li kellu karta tal-identità numru 0547749(M).

By means of an application filed in the Civil Court of Voluntary Jurisdiction Section, on the 30th March, 2026, Application number 312/2026, by Mary Coleiro née Camilleri et whereby they requested that it be declared open in favour of Mary Coleiro, wife of the decujus in the quota of one half (1/2) undivided share and the remaining on half (1/2) undivided share in favour of Josette Belli, Doreen Coleiro, Joseph Coleiro, Joanne Coleiro, Ronnie Coleiro and Andrew Farrugia Coleiro children of the decujus in equal shares between them the succession of Carmelo Colejro, husband of Mary Coleiro née Camilleri, son of the late Joseph Colejro and Carmela Colejro née Faenza, born in Ħal Luqa, Malta, resided in Ħal Luqa, Malta and died in Msida, Malta on the 19th December, 2025 aged 76 and who held identity card number 0547749(M).

Għaldaqstant, kull min jidhirlu li għandu interess huwa msejjaħ biex jidher quddiem il-Qorti fuq imsemmija sabiex b'nota jmur kontra dik it-talba fi żmien ħmistax-il ġurnata li jibda jgħaddi minn dak il-jum li fih jiġi mwaħħal il-bandu u l-avviżi skont il-liġi.

Wherefore, any person who believes to have an interest in the matter is hereby called upon to appear before the said Court and to bring forward his objections hereto by a minute to be filed within fifteen days from the posting of the banns and notices according to law.

Reġistru tal-Qorti Ċivili, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja
Illum 17 ta' April, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Registry of the Civil Court, Voluntary Jurisdiction Section
Today, 17th April, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Court and Tribunals

1076

B'dan l-avviż ikun magħruf illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja, fis-27 ta' Marzu, 2026, Rikors numru 302/2026, minn Mario Cini et, fejn talbu li tiġi ddikjarata miftuħa favur Maria-Dolores Cini née Carabott, mart id-decujus fi kwota ta' nofs (1/2) indiviż u r-rimanenti nofs (½) indiviż favur Mario Cini, Denise Cini u Anthony Cini ulied id-decujus fi kwoti ndaqs bejniethom is-suċċessjoni ta' Emanuel Cini, zewg Maria Dolores Cini née Carabott, bin il-mejtin Carmel Cini u Liberata Cini née Grech, imwieled Ħal Tarxien, Malta, kien residenti Ħal Tarxien, Malta u miet l-Imsida, Malta fis-7 ta' Jannar, 2026 ta' 80 sena u li kellu karta tal-identità numru 198345(M).

By means of an application filed in the Civil Court of Voluntary Jurisdiction Section, on the 27th March, 2026, Application number 302/2026, by Mario Cini et whereby they requested that it be declared open in favour of Maria-Dolores Cini née Carabott, wife of the decujus in the quota of one half (1/2) undivided share and the remaining on half (1/2) undivided share in favour of Mario Cini, Denise Cini and Anthony Cini children of the decujus in equal shares between them the succession of Emanuel Cini, husband of Maria Dolores Cini née Carabott, son of the late Carmel Cini and Liberata Cini née Grech, born in Ħal Tarxien, Malta, resided in Ħal Tarxien, Malta and died in Msida, Malta on the 7th January, 2026 aged 80 and who held identity card number 198345(M).

Għaldaqstant, kull min jidhirlu li għandu interess huwa msejjaħ biex jidher quddiem il-Qorti fuq imsemmija sabiex b'nota jmur kontra dik it-talba fi żmien ħmistax-il ġurnata li

Wherefore, any person who believes to have an interest in the matter is hereby called upon to appear before the said Court and to bring forward his objections hereto by a minute

jibda jgħaddi minn dak il-jum li fih jiġi mwaħħal il-bandu u l-avviżi skont il-liġi.

Reġistru tal-Qorti Ċivili, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja

Illum, 17 ta' April, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

to be filed within fifteen days from the posting of the banns and notices according to law.

Registry of the Civil Court, Voluntary Jurisdiction Section

Today, 17th April, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Court and Tribunals

1077

B'dan l-avviż ikun magħruf illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja, fil-11 ta' Marzu, 2026, Rikors numru 238/2026, minn Carmel Cauchi et, fejn talbu li tiġi ddikjarata miftuħa favur Carmel Cauchi u Filippa sive Phyllis Cauchi ħut id-decujus is-successjoni ta' Joseph Cauchi, ġuvni, bin il-mejtin Joseph Cauchi u Rita née Borg, imwieled Birkirkara, Malta u kien residenti Birkirkara, Malta u miet l-Imsida, Malta fil-15 ta' Diċembru, 2024 ta' 78 sena u li kellu karta tal-identità numru 0026946(M).

Għaldaqstant, kull min jidhirlu li għandu interess huwa msejjaħ biex jidher quddiem il-Qorti fuq imsemmija sabiex b'nota jmur kontra dik it-talba fi żmien ħmistax-il ġurnata li jibda jgħaddi minn dak il-jum li fih jiġi mwaħħal il-bandu u l-avviżi skont il-liġi.

Reġistru tal-Qorti Ċivili, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja

Illum 17 ta' April, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of an application filed in the Civil Court of Voluntary Jurisdiction Section, on the 11th March 2026, Application number 238/2026, by Carmel Cauchi et whereby they requested that it be declared open in favour of Carmel Cauchi and Filippa sive Phyllis Cauchi brother and sister of the decujus the succession of Joseph Cauchi, bachelor, son of the late Joseph Cauchi and Rita née Borg, born in Birkirkara, Malta, resided in Birkirkara, Malta and died in Msida, Malta on the 15th December, 2024 aged 78 and who held identity card number 0026946(M).

Wherefore, any person who believes to have an interest in the matter is hereby called upon to appear before the said Court and to bring forward his objections hereto by a minute to be filed within fifteen days from the posting of the banns and notices according to law.

Registry of the Civil Court, Voluntary Jurisdiction Section

Today 17th April, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Court and Tribunals

1078

B'dan l-avviż ikun magħruf illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja, fl-24 ta' Marzu, 2026, Rikors numru 266/2026/1, minn Cecilia Darshan, fejn talbet li tiġi ddikjarata miftuħa favur Cecilia Darshan, mart id-decujus fi kwota ta' nofs (1/2) indiviż u r-rimanenti nofs (½) indiviż favur Ayyan Bashir u Aima Bashir ulied id-decujus fi kwota ta' kwart (1/4) indiviż kull wieħed u waħda minnhom is-suċċessjoni ta' Amir Bashir, bin il-mejjet Bashir Masih u Rehmate Bibi née Bibi, imwieled Muzaffargarh, il-Pakistan u kien residenti Birkirkara, Malta u miet l-Imsida, Malta fit-13 ta' Mejju, 2025 ta' 48 sena u li kellu karta ta' l-identità numru 0180731(A).

Għaldaqstant, kull min jidhirlu li għandu interess huwa msejjaħ biex jidher quddiem il-Qorti fuq imsemmija sabiex

By means of an application filed in the Civil Court of Voluntary Jurisdiction Section, on the 24th March, 2026, Application number 266/2026/1, by Cecilia Darshan whereby she requested that it be declared open in favour of Cecilia Darshan wife of the decujus in the quota of one half (1/2) undivided share and the remaining on half (1/2) undivided share in favour of Ayyan Bashir and Aima Bashir children of the decujus in the quota of one fourth (1/4) undivided share each one of them the succession of Amir Bashir, son of the late Bashir Masih and Rehmate Bibi nee Bibi, born in Muzaffargarh, Pakistan, resided in Birkirkara, Malta and died in Msida, Malta on the 13th May, 2025 aged 48 and who held identity card number 0180731(A).

Wherefore, any person who believes to have an interest in the matter is hereby called upon to appear before the said

b'nota jmur kontra dik it-talba fi żmien ħmistax-il ġurnata li jibda jgħaddi minn dak il-jum li fih jiġi mwaħħal il-bandu u l-avviżi skont il-liġi.

Reġistru tal-Qorti Ċivili, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja

Illum 17 ta' April, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Court and to bring forward his objections hereto by a minute to be filed within fifteen days from the posting of the banns and notices according to law.

Registry of the Civil Court, Voluntary Jurisdiction Section

Today 17th April, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Court and Tribunals

1079

B'dan l-avviż ikun magħruf illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja, fil-5 ta' Marzu, 2026, Rikors numru 214/2026, minn Diandra Schiavone Bonnici, fejn talbet li tiġi ddikjarata miftuħa favur Diandra Schiavone Bonnici, bint id-decujus is-successjoni ta' Paul Bonnici, ġuvni, bin il-mejtin Carmelo Bonnici u Giuseppa née Massa, imwieled Tal-Pietà, Malta u kien residenti Bormla, Malta u miet Bormla, Malta fit-12 ta' April, 2024 ta' 48 sena u li kellu karta tal-identità numru 0344875(M).

Għaldaqstant, kull min jidhirlu li għandu interess huwa msejjaħ biex jidher quddiem il-Qorti fuq imsemmija sabiex b'nota jmur kontra dik it-talba fi żmien ħmistax-il ġurnata li jibda jgħaddi minn dak il-jum li fih jiġi mwaħħal il-bandu u l-avviżi skont il-liġi.

Reġistru tal-Qorti Ċivili, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja

Illum, 17 ta' April, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of an application filed in the Civil Court of Voluntary Jurisdiction Section, on the 5th March, 2026, Application number 214/2026, by Diandra Schiavone Bonnici whereby she requested that it be declared open in favour of Diandra Schiavone Bonnici daughter of the decujus the succession of Paul Bonnici, bachelor, son of the late Carmelo Bonnici and Giuseppa née Massa, born in Pieta, Malta, resided in Bormla, Malta and died in Bormla, Malta on the 12th April, 2024 aged 48 and who held identity card number 0344875(M).

Wherefore, any person who believes to have an interest in the matter is hereby called upon to appear before the said Court and to bring forward his objections hereto by a minute to be filed within fifteen days from the posting of the banns and notices according to law.

Registry of the Civil Court, Voluntary Jurisdiction Section

Today 17th April, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Court and Tribunals

1080

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla fis-26 ta' Jannar, 2026, fuq rikors ta' HSBC Bank Malta plc (C 3177) ġie iffissat il-jum tat-Tlieta, 26 ta' Mejju, 2026 fil-ħdax ta' filgħodu (11.00 a.m.) għall-Bejgħ bl-Irkant, li għandu jsir f'Kamra Numru 78, Biswit l-Arkivju, Livell -1, Qrati tal-Ġustizzja, Triq ir-Repubblika, il-Belt Valletta tal-fond hawn taħt deskritt.

Il-mezzanin bin-numru ħdax (11) u bl-isem Sunflower, mingħajr l-arja tiegħu, li jinsab fit-tieni sular (first floor level) sovrapost għall-beni tal-Awtorità tad-Djar formanti parti minn blokk mingħajr numru, iżda immarkat bl-ittri 'BG G' fil-qasam tad-Djar tal-Gvern, Belt il-Ġmiel, l-Imtarfa, u jmiss il-blokk kollu min-nofsinhar ma' triq pubblika qabel bla isem issa Triq in-Narċis, minn fejn il-blokk għandu aċċess

By decree given by the Civil Court First Hall on the 26th January, 2026 on the application of HSBC Bank Malta plc (C3177), Tuesday, 26th May, 2026 at eleven in the morning (11.00 a.m.), has been fixed for the Sale by Auction to be held in Room Number 78, Nearby the Courts Archives, Level -1, Courts of Justice, Triq ir-Repubblika, Valletta of the following property.

The maisonette numbered number eleven (11) and named Sunflower, without its airspace, situated on the first floor level, overlying property of the Housing Authority and forming part of the block without number, marked by letters 'BG G' in the Government Housing Estate, Belt il-Gmiel, Mtarfa, as bounded the said block on the South by an unnamed public road previously without name and currently

u mill-irjieħ l-oħra kollha ma' beni tal-Gvern ta' Malta jew l-aventi kawża tiegħu waqt illi l-mezzanin huwa aċċessibbli min-naħa ta' nofsinhar mill-imsemmija triq u jmiss mill-irjieħ l-oħra kollha ma' beni tal-Awtorità tad-Djar, liberu u frank bid-drittijiet u l-ġustajiet kollha tiegħu u li tinkludi wkoll id-daħla ta' taħt it-taraġ li tifforma parti integrali mill-mezzanin numru ħdax tal-kejl ta' tnejn punt ħamsa sitta metri kwadri (2.56mk) li tinsab fit-tieni sular tal-imsemmi blokk u tikkonfina mill-Lvant ma' beni ta' Emanuel Carabott jew is-suċċessuri tiegħu fit-titolu, mill-irjieħ l-oħra ma' beni tal-Awtorità tad-Djar jew l-aventi kawża tagħhom u stmat li jiswa' tlett mitt elf ewro (€300,000).

Sid il-mezzanin għandu jerfa' sehmu mill-manutenzjoni tal-partijiet komuni (ċioè 1/17 sehem) minbarra s-sistema ta' drenaġġ li qiegħda bin-nofs filwaqt illi l-bejt huwa komuni biss fis-sens illi s-sidien li mhumiex fl-aħħar sular għandhom biss aċċess biex jagħmlu aerial tat-television u tank tal-ilma u għall-manutenzjoni tagħhom. L-arja tibqa' ta' terzi.

U dan kif deskritt aħjar fl-atti tan-Nutar Myriam Spiteri Debono tal-31 ta' Ottubru, 1985 in kwantu l-mezzanin permezz ta' liema Emanuel Carabott kien akkwista l-proprjetà mill-Awtorità tad-Djar u li wara, permezz ta' nota iskritta bin-numru 10093/10 Glen Carabott wiret in-nofs sehem indiviż ta' din il-proprjetà appartjenenti lil Emanuel Carabott u kif deskritt aħjar fl-atti tan-Nutar Sandra Farrugia tal-5 ta' Lulju, 1994 in kwantu d-daħla permezz ta' liema Emanuel Carabott flimkien mal-intimata Carabott, akkwistaw l-proprjetà mill-Awtorità tad-Djar u li wara, permezz ta' nota iskritta bin-numru 10093/10 Glen Carabott wiret in-nofs sehem indiviż ta' din il-proprjeta'.

L-imsemmi fond huwa proprjetà ta' Carabott Glen (KI 357480M) u b'digriet datat 22 ta' Settembru, 2023 ġew maħturin bħala kuraturi deputati Dott. Leontine Calleja u PL Veronica Rossignaud sabiex jirrapreżentaw il-werrieta mhux magħrufa tal-mejta Maria Assunta Carabott (KI 514641M)

N.B. L-imsemmi fond jinbiegħ bħalma ġie deskritt fl-atti tas-subbasta 25/2023.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum it-Tnejn, 20 ta' April, 2026.

GAETANA AQUILINA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Triq in-Narcis, from which the said block is accessible, and on all other compass points by property of the Government of Malta or its successors in title, while the maisonette is accessible from the South from the said street and is bounded on all other compass points by property of the Housing Authority, free and unencumbered with all its rights and appurtenances and including also the part underneath the staircase which forms an integral part of the maisonette number eleven, measuring two point five six square metre (2.56sqm) situated on the first floor level of the said block and is bounded East with property of Emanuel Carabott or his successors in title and from all other correct boundaries with property of the Housing Authority or its successors in title and is valued at three hundred thousand euro (€300,000).

The owner of the maisonette is responsible for his share in the maintenance of the common parts (therefore 1/17 share) apart from the drainage system which is divided in half, while the roof is only in common in the sense that the owners that aren't at the last floor have only access to install a television aerial and water tank and for their maintenance. The airspace remains of third parties.

And this as better described in the acts of Notary Myriam Spiteri Debono dated 31st October, 1985 regarding the maisonette by which Emanuel Carabott had acquired the property from the Housing Authority and which afterwards, by means of a registered note numbered 10093/10 Glen Carabott had inherited the half undivided share of this property belonging to Emanuel Carabott and as better described in the acts of Notary Sandra Farrugia dated 5th July, 1994 regarding the part underneath the staircase by which Emanuel Carabott together with the respondent Carabott, had acquired the property from the Housing Authority and which afterwards, by means of a registered note numbered 10093/10 Glen Carabott has inherited the half undivided share of this property.

The said tenement is the property of Carabott Glen (ID 357480M) and by decree dated 22nd September, 2023 Dr Leontine Calleja and LP Veronica Rossignaud were nominated as deputy curators to represent the unknown heirs of the deceased Maria Assunta Carabott (ID 514641M).

N.B. The said tenement will be sold as described in the acts of judicial sales number 25/2023.

Registry of the Superior Courts, this Monday, 20th April, 2026.

GAETANA AQUILINA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1081

Permezz ta' digriet mogħti fit-30 ta' Marzu, 2026 mill-Qorti Ċivili Prim'Awla, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru

By means of a decree of the 30th March, 2026 of the Civil Court First Hall in the records of judicial letter number

4941/2025, fl-ismijiet Avukat Dr Vincent Galea noe vs Kevin Micallef, ordnat is-segwenti publikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' Kevin Micallef a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap 12.

Fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili

Illum, 31 ta' Ottubru, 2025

Lil Kevin Micallef (KI 481868M) ta' Winston, Triq il-Fliegu, San Pawl il-Baħar.

Permezz tal-preżenti, l-Avukat Dott. Vincent Galea (KI 50570M) ta' 373, Triq Fleur-de-Lys, Birkirkara u l-Prokuratur Legali Jean Pierre Busuttil (KI 409171M) ta' 194, Triq Santa Margerita, is-Siġġiewi, jagħmlu referenza għas-segwenti sentenzi tal-Qrati:

i. Vladyslava Kravchenko et vs Kevin Micallef et noe deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-12 ta' Diċembru, 2017 (Rik Maħ Nru 966/2009) (Dok VG1).

ii. Vladyslava Kravchenko et vs Kevin Micallef et noe deciza mill-Qorti tal-Appell fis-26 ta' Frar, 2024 (Rik Maħ Nru 966/2009) (Dok VG2).

U jinterpellawk sabiex fi żmien jumejn mid-data tan-notifika inti tħallashom is-somma komplessiva ta' €46,185.11 bħala drittijiet professjonali inkluż it-taxxa fuq il-valur miżjud fuq l-istess drittijiet professjonali. Dan l-ammont huwa maqsum hekk:

a) Avukat €34,766.64 in kwantu għal €29,463.25 bħala drittijiet professjonali u għar-rimanenti €5,303.39 bħala taxxa fuq il-valur mizjud;

b) Prokuratur Legali €11,418.47 in kwantu għal €9,676.67 bħala drittijiet professjonali u għar-rimanenti €1,741.80 bħala taxxa fuq il-valur mizjud.

(ara taxxi gudizzjarji maħruga għar-rigward ta' l-istess kawzi Dok VG3 u Dok VG4 rispettivament).

Jinfurmawk li permezz ta' din il-procedura l-imsemmija taxxi qegħdin jigu rezi ezekuttivi għall-finijiet u l-effetti kollha tal-ligi u senjatament għall-finjiet ta' l-artikolu 253 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

Fin-nuqqas li tagġmel dak lilek avzat fiż-żmien hawn fuq stipulat, il-mittenti sejrin jipprocedu ulterjorment kontrik.

Tant biex tagħraf timxi u tirregola ruħek aħjar.

4941/2025, in the names Advocate Dr Vincent Galea noe vs Kevin Micallef, the following publication for the purpose of service on the Kevin Micallef was ordered in terms of Article 187 (3) et sequitur of Chapter 12.

In the First Hall of the Civil Court

Today, 31st October, 2025

To Kevin Micallef (ID 481868M) of Winston, Triq il-Fliegu, San Pawl il-Baħar.

By means of the present , Advocate Dr Vincent Galea (ID 50570M) of 373, Triq Fleur-de-Lys, Birkirkara and Legal Procurator Jean Pierre Busuttil (ID 409171M) of 194, Triq Santa Margerita, Siġġiewi, refer to the following judgements of the Courts:

i. Vladyslava Kravchenko et vs Kevin Micallef et noe decided by the First Hall of the Civil Court on 12th December, 2017 (App No 966/2009) (Doc VG1);

ii. Vladyslava Kravchenko and Others v Kevin Micallef et noe decided by the Court of Appeal on 26 February, 2024 (App No 966/2009) (Doc VG2);

And calls upon you so that within two days from the date of service you pay them the total sum of €46,185.11 representing professional fees including value added tax on the same professional fees. This amount is split as follows:

a) Advocate €34,766.64 as for €29,463.25 as professional fees and for the remaining €5,303.39 as value added tax;

b) Legal Procurator €11,418.47 as for €9,676.67 as professional fees and for the remaining €1,741.80 as value added tax.

(see judicial taxed bills of costs issued in respect of the same cases Doc VG3 and Doc VG4 respectively).

Inform you that by means of this procedure the said taxed bills of costs are being rendered executable for all intents and purposes of law and especially for the purposes of Article 253 of Chapter 12 of the Laws of Malta;

If you fail to comply with the above within the time above stipulated, the interpellants will proceed further against you.

So much so that you may know how to proceed and regulate yourself better.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet skont il-ligi sad-data tal-eventwali ħlas effettiv.

Reġistru tal-Qrati tal-Superjuri, illum 17 ta' April, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

With costs and interests according to law till the date of eventual effective payment.

Registry of the Superior Courts today, 17th April, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1082

ARB/C038/2026 – ORDNI TA' QBID U IFFRIŻAR

IKUN JAF KULĦADD illi b'digriet mogħti fit-9 ta' April, 2026 mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali – (Maġistrat Dott. Tanya Sammut LLD). Kumpilazzjoni Numru 2266/2026, fil-kawża fl-ismijiet:

Ir-Repubblika ta' Malta

Kontra

KYLE PACE, jaħdem għal rasu, ta' 23 sena, iben Dorianne xebba Pace, imwieled Tal-Pietà, fit-23 ta' Ottubru, 2002, u resident ġewwa 125, Flat 4, Triq ir-Repubblika, Valletta u detentur ta' karta tal-Identifikazzjoni Maltija bin-numru 384702L.

Il-Qorti qed tordna "Ordni ta' Qbid u Friżar" u t'issekwestra f'idejn terzi persuni b'mod ġenerali l-flejjes u l-propjetà mobbli kollha li jkunu dovuti lill KYLE PACE jew ikunu jmissu lilu jew ikunu propjetà tiegħu, tipprojbixxi lill l-imputat milli jittrasferixxi jew xort' oħra jiddisponi minn xi propjetà mobbli jew immobbli, ai termini tal-Artikolu 22A tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikoluża, tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Kull persuna li tagħmel xi ħaġa bi ksur tal-ordni tal-Qorti msemmi fl-Artikolu 22A, tkun ħatja ta' reat u teħel meta tinstab ħatja multa ta' mhux iżjed minn ħdax-il elf, sitt mija u sitta u erbgħin Euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€11,646.87) jew priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn tnax-il xahar, jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

Kull trasferiment ieħor jew tneħħija oħra ta' propjetà li jsiru bi ksur ta' dik l-ordni tal-Qorti jkunu nulli u ma jkollhom ebda effett fil-liġi.

Illum, 20 ta' April, 2026

IS-SINJURA EUNICE GRECH FIORINI
Direttur, Uffiċju għall-Irkupru tal-Assi

ARB/C038/2026 – SEIZING AND FREEZING ORDER

IT IS BEING NOTIFIED that by a decree dated 9th April, 2026 given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Judicature – (Magistrate Dr Tanya Sammut LLD). Compilation Number 2266/2026, in the case:

The Republic of Malta

Versus

KYLE PACE, self-employed, 23 years, son of Dorianne née Pace, born in Tal-Pietà, on the 23rd October 2002, and residing at "125, Flat 4, Triq ir-Repubblika, Valletta" and holder of a Maltese Identification Document bearing number 384702L.

The Court is issuing a "Seizure and Freezing Order" and is seizing, in the hands of third parties, in general, all monies and movable property that are due to, pertain to, or are the property of KYLE PACE. It also prohibits the accused from transferring or otherwise disposing of any movable or immovable property, in terms of Article 22A of the Dangerous Drugs Ordinance, Chapter 101 of the Laws of Malta.

Any person who acts in contravention of the Court order mentioned in Article 23A and Article 22A, referred to above shall be guilty of an offence and shall on conviction be liable to a fine (multa) not exceeding eleven thousand, six hundred and forty-six euro and eighty-seven cents (€11,646.87), or to imprisonment for a period not exceeding twelve months, or to both such fine and imprisonment.

Any transfer or other disposal of any property made in contravention of the said Court order shall be null and without effect at law.

Today, 20th April, 2026

MS EUNICE GRECH FIORINI
Director, Asset Recovery Bureau

Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta FSC® — *Printed at the Government Printing Press on FSC® certified paper*

FSC
www.fsc.org
MIX
Paper | Supporting responsible forestry
FSC® C140603